**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 64**

**Data:** **22 ta' Frar 2024**

**Hin:** **5.20pm**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

64.1 Applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp numru PA232/2024.

---

**64.1 Applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp numru PA232/2024**

64.10 Is-Sindku qal li kif kien gie diskuss aktar kmieni dalghodu waqt il-laqgha tal-Kunsill, din il-laqgha b'urgenza giet imsejha sabiex jigi diskuss l-permess ta' zvilupp PA232/2024. Huwa qal li kompla jipprova jcempel lil Dr. Claire Bonello pero' s'issa ma kienx ghadha cemplet lura. Kif intqal dalghodu kienet saret talba mir-residenti sabiex issir estensjoni tal-perijodu ta' rapprezentazzjonijiet pero' meta tkellem mall-Perit dan qal li peress li ma kienx hemm ksur li jippreguika l-permess estensjoni ma tinghatax. Waqt il-laqgha ta' dalghodu kienet saret ukoll referenza jekk is-*site notice* kienetx wahlet pero' dan il-Kunsill ma setax jghidu u ma kienx baqa' hin u mezz kif wiehed jista' jiccekkja dan. Gie innotat li bhal ma' jsir f'kull permess ghandu jintalab li ssir il-kamra ghall-iskart fil-faccata. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jara l-kummenti li gewipprezentati mir-residenti u jiehu d-decizjoni tieghu.

Gew moqrija l-ilmenti li saru u li ser ikunu qeghdin jintuzaw mir-residenti sabiex iwasslu l-oggezjoni taghhom. Saret referenza li fil-vicinanzi hemm permessi mahruga bl-istess gholi li ghalihom il-Kunsill ma kienx ghamel oggezjoni.

Il-Kunsill iddiskuta li saru diversi punti pero' ma kienx hemm zmien biex wiehed jiccekkja u jivverfika dawn il-punti.

Saru diversi diskussjonijiet fuq x'hiex tista' ssir oggezzjoni fejn jidher li l-policies ta' l-gholi m'humiex miksura u din mhiex zona UCA. Joseph Mizzi qal li huwa ma kienx jaf li kien hemm binijiet ohra fiz-zona meta qal li kien jaqbel ma' l-oggezjoni u l-oggezjoni tieghu kienet spontanja peress li kien Malta fuq xoghol u ma kellux hin bizzejjeb biex jara dwar il-kaz.

Saret telefonata lill-avukat Dr. Claire Bonello fejn spjegat li z-zona tinkludi policy ta' 4 sulari u iehor irtirat u hemm policies ohra u jekk hemm medda ta' triq bl-istess gholi ghandha tinzamm hekk. Hi spjegat li jekk il-kaz ikun li tkun l-unika wahda li qed tkun b'din l-gholi tista' tkun il-kaz li tkun ser tirrovina l-uniformita' tat-triq. Fuq punt iehor li ghalkemm mhix f'UCA area qeghda pero' qrib.

Fuq il-punt tas-safety ta' l-iskola gie spjegat li dan mhux punt li jirringwardja l-planning. Saru diversi diskussjonijiet dwar l-gholi fejn gie innotat li hemm diversi djar fl-istess triq u zona li huma ta' l-istess gholi. Tkompliet id-diskussjoni mall-avukat fejn hija ssugeriet li f'dan il-punt l-ahar li l-Kunsill jirregistra l-interess tieghu f'din l-applikazzjoni billi jibghat email sabiex jekk ikun hemm xi bdil ta' pjanti jew bdil iehor il-Kunsill ikun dejjem infurmat u f'bzonn li jwassal l-ilment / suggeriment tieghu ikun jista' jaghmel dan. Is-Sindku rringrazzja lill-avukat u intemmet it-telefonata.

Is-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill ghandu jibghat l-email skond il-parir tal-Avukat u jitlob li ghanda issir kamra ta' l-iskart. Joseph Mizzi qal li l-karatteristika m'ghandiex tinbidel b'din il-binja u l-parkegg taz-zona ser jigi affetwat. Tonio Mifsud qal li huwa ukoll jahseb li t-traffiku u l-karatteristika ser ikollhom impatt. Huwa qal ukoll li l-iskavar u l-implimentazzjoni tal-progett ser johloq inkonvenjent. Joseph Mizzi qal li ghalkemm l-ohrajn huma l-istess gholi forsi dawn mhumiex ghal uzu kummercjali imma familjari pero' gie innotat li din mhix gustifikazzjoni. Tonio Mifsud qal li galadarba l-applikazzjoni huwa skond il-policies ghandu jkun il-bord li jiddeciedi jekk ghandhux jinghata l-permess jew le.

Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jimxi skond il-parir ta' l-avukat u jirregistra ghal parti interessata f'din l-applikazzjoni.

Il-laqgha spiccat fis-6.30pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv